**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 ta' Gunju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Twanny (Anthony) Degiorgio detentur tal-Karta tal-Identita` numru 36368(M)**

Kumpilazzjoni Nru. 192/16

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Twanny (Anthony) Degiorgio, talli:

1. Fit-28 ta' Ġunju, 2015, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00 *hrs*) fil-Mellieħa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Redeemer Degiorgio detentur tal-karta tal-identità numru 435293(M), skont kif iċċertifikat t-Tabib Louise Gatti MD (Numru tar-Reġ. 2189), mill-Mosta Health Centre, ai termini tal-Artikoli **214 u 216** tal-Kodiċi Kriminali, **Kap 9** tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), nhar it-23/10/2014 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, ai terminu tal-Artikoli **49 u 50** tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kap. 9** tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat b' ferita gravi fuq ibnu.

Illi il-parte leza, Redemmer Degiorogio, wera ix-xewqa li ma jixhidx fil-konfront ta' missieru. Il-Qorti, wara li rat dak li jipprovdi l-artiklu 633(2) tal-Kodici Kriminali u wara li accertat ruhha li dan kien incident izolat fejn ir-relazzjoni bejn il-missier u ibnu illum gew ripristinati, laqghet it-talba tax-xhud ai termini tal-istess artiklu.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-unika prova addizjonali li kellha kien certifikat mediku mahrug minn Dr. Louisa Gatt.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba kontrih fuq mankanza ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**